# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 525/2011 SM**

**MIB Insurance Agency Limited**
**(C – 42111)**
**bhala agenti tad-ditta estera Lloyds**

**u**

**Paul Xuereb karta tal-identita` numru**
**689450 M**

**vs.**

**Ronnie Spiteri (id 476885 M)**
**u b'digriet datat is-6 ta' Lulju, 2011,**
**gie kjamat fil-kawza Orees Jiumaa Faraj Bderi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-31 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament issottomettew is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi fit-3 ta' Marzu, 2010, jew f'jiem qrib din id-data, ippenetra ilma fil-proprjeta` tar-rikorrenti Xuereb li kien assikurat mad-ditta rikorrenti;

1.2. Illi l-ilma li ppenetra fir-residenza *de quo* ikkawza danni fl-istess;

1.3. Illi l-ilma ppenetra minhabba xogholijiet li kienu qed isiru fil-proprjeta` tal-intimat li ma nzammitx fi stat adegwat biex ma tikkagunax danni lill-proprjeta` tar-rikorrenti;

1.4. Illi d-ditta assikuratrici hallset lir-rikorrenti Xuereb tad-danni kollha minnhu sofferti, (ara foll 4);

1.5. Illi ghalhekk l-istess ditta assikuratrici rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet tal-istess rikorrenti Xuereb, (ara foll 5);

1.6. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti kagun tal-istess perkolazzjni huma kollha dettaljatament elenkati fid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat promotur, (ara foll 6 sa 62);

1.7. Illi konsegwentement aderew din il-qorti biex din:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti Xuereb meta l-intimat Spiteri halla ilma jippenetra minn proprjeta` tieghu ghal go dik tar-rikorrenti Xuereb, u b'hekk ikkaguna danni lill-istess rikorrenti;

1.7.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammonti indikati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

1.7.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha l-intimat Spiteri sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

2.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur;

2.2. Illi jigi spjegat min kien il-beneficjarju tal-polza assikurattiva;

2.3. Illi l-hsara li setghet saret giet ikkagunata minn Orees Jiumaa Faraj Bderi;

2.4. Illi ghalhekk fil-konfront tal-intimat, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.5. Illi r-rikorrenti jridu jgibu prova tad-danni minnhom lamentati;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-6 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu ordnat il-kjamata fil-kawza tal-imsemmi Orees Jiumaa Faraj Bderi, (ara foll 76);

4. Rat in-notifika tal-imsemmi kjamat fil-kawza permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi, (ara foll 89 sa 96);

5. Rat id-digriet sussegwenti taghha kif precedentement preseduta datat iz-19 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 97);

6. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat is-7 t'April, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-istess assistent gudizzjarju tirritorna l-inkartament li kien fil-pussess taghha lura fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 124);

7. Tissottolinea li l-kjamat in kawza fuq riferit, ghalkemm debitament notifikat skont il-ligi, baqa' fi stat ta' kontumacja, (ara foll 131);

8. Rat id-digriet taghha datat is-6 t'April, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 162);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-26 t'April, 2016, (ara foll 167);

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-21 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li zviluppat il-possibilita` li l-partijiet fil-kawza jitransigu l-vertenza, (ara foll 173);

11.0. Rat in-nota konguntiva datata t-30 ta' Novembru, 2016, li permezz taghha l-partijiet iddikjaraw li a bazi tal-ftehim minnhom konkluz fuq il-vertenza odjerna, (ara foll 175):

  11.1. L-intimat Spiteri kien qieghed jammetti t-talbiet tar-rikorrenti fil-limiti tal-ftehim fuq riferit;

  11.2. Illi l-kundizzjonijiet hemm pattwiti ghandhom japplikaw ghall-vertenza odjerna;

**DECIDE:**

12.0. Illi in vista tal-ftehim kif konkluz fil-limiti tan-nota konguntiva *de quo*:

  12.1. Taghmel taghha l-istess ftehim hekk pattwit bejn il-partijiet;

  12.2. Tordna li l-partijiet jagixxu kif minnhom stess hemm pattwit senjatament:

    12.2.1. Illi l-intimat Spiteri jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' disghat elef euro, (€9,000.00), bil-mod segwenti:

      12.2.1.i. Illi €4,000.00 gia` gew imhallsa mill-intimat *de quo* lir-rikorrenti;

      12.2.1.ii. Illi €1,077.31 gia` depozitati l-qorti wara mandat ta' sekwestru jigu rilaxxati favur ir-rikorrenti;

12.2.1.iii. Illi l-intimat jobbliga ruhhu li jhallas il-bilanc dovut lir-rikorrenti ammontanti ghal €3,922.69 (*sorte*), flimkien mal-ispejjez tal-kawza (*"come ceduta"*), ammontanti ghal €1,556.35, (komplessivament ghal €5,479.04), permezz ta' pagamenti mensili rateali fl-ammont ta' €200.00 – bl-ewwel pagament ikun effettwat fl-10 ta' Jannar, 2017;

12.2.2. Illi l-partijiet jaqblu li l-ammont komplessiv hu wiehed cert, likwidu, u dovut, u jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

12.2.3. Illi l-ammont *de quo* jithallas minghajr interessi;

12.2.4. Illi l-interessi involuti jibdew jiddekorru kif pattwit fil-klawsola numru hamsa (5) tal-istess nota kongunta in dizamina u ghandhom jigu imhallsa bil-metodu hemm ukoll stabbilit;

12.2.5. Illi fil-kaz li l-intimat ikun morus f'pagament wiehed ikun minflok obbligat ihallas bhala *sorte* l-ammont komplessiv ta' €12,697.00, kif originarjament mitlub *oltre*, l-interessi ta' 8% fis-sena fuq il-bilanc mid-data tan-nota *de quo*, senjatament it-30 ta' Novembru, 2016, sad-data tal-pagament effettiv flimkien mal-ispejjez u l-istess rata t'interessi fuqhom.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**